TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1516

KAZ NRU. 1505

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Caruana

u

Bromford Iron & Steel Co. (MED) Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta.

Data : 14 ta' Gunju 2004

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 10 ta' Jannar 2001 b'referenza MSP/TI/ 4/2001 skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 14 il-seduta.

Mario Caruana, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Robert Mangion u Bromford Iron & Steel Co. (MED) Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn James Camilleri assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li tkecca ngustament ghaliex :

- kien gie mpjegat bhala Works Manager u bis-sahha ta' xogholu il-Kumpanija marret il-quddiem ;
- elimina tilwim ezagerat bejn id-direzzjoni u l-impjegati li kien wassal ghat-tkeccija tal-Works Manager ta' qablu ;
- meta kien irid jiddiskuti mal-Managing Director dwar l-andament tal-Kumpanija dan kien jghidlu li mhemmx ghalfejn ghaliex is-sitwazzjoni ma kienetx wahda allarmanti ;
- kien iddiskuta mac-Chairman tal-Kumpanija dwar Business Plan u dan talbu jaghmlu ghax il-Kumpanija kienet sejra lura. Hu kien ghamlu, bghatu bil-Fax lic-Chairman u wara ta kopja lill-Managing Director. Ma sema xejn dwaru minghand ic-Chairman izda sussegwentement gie mghajjar fuqu mill-Managing Director fil-prezenza tad-Diretturi u s-Segretarju tal-Bord ;
- waqt zjara ohra tac-Chairman f'Malta kien intalab mill-Managing Director biex jinforma lill-Bord dwar zviluppi fuq possibiltajiet godda. Izda meta ghamel prezentazzjoni l-Managing Director beda jghajjat u qal li kien ghamel l-affarjiet minghajr l-approvazzjoni tieghu. Wara l-laqgha c-Chairman staqsieh jekk kienx jaf bin-nuqqas ta' approvazzjoni tal-Managing Director u wiegeb li dan kien jaqbel mal-progetti l-godda. Ic-Chairman issuggerixxa li jibqa jahdem fuq il-progett minn wara dahru izda hu ma qabilx ghax ma riedx jipperikola l-impieg ;
- ir-relazzjonijiet bejnu u l-Managing Director baqghu jihzienu ghalkemm ghamel minn kollox biex ma jurtahx ;
- wara t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu beda jahdem ma kumpanija ohra izda tilef dan ix-xoghol meta l-Mannaging Director (ta' Bromford) hedded il-Principal li kien se jiehu passi kontra tieghu jekk ma jwaqqfux ;
- ftit wara li tkecca l-Kumpanija mpjegat f'postu lill-haddiehor li kien habib tal-Managing Director.

Fis-Sottomissjonijiet Finali l-appellant sostna li n-nuqqasijiet trivjali li allegat il-Kumpanija kienu biss skuza biex jitkecca. Ir-raguni vera kienet li kien kiteb rapport lic-Chairman fejn qallu li "*Undeclared sales are incorrectly not included in the final figure and should be discontinued for various reasons.*" Dan ghamlu fl-interess ta' l-azzjonisti l-ohra tal-Kumpanija u ma ghogobx lill-Managing Director li ghalek kellu interess li hu ma jibqax jahdem hemm. Minkejja l-allegati nuqqasijiet tieghu qal li ma kien hemm ebda ittra ta' warning.

Il-Kumpanija fl-Istqarrija tal-Kaz qalet li tterminat l-impieg ta' l-appellant ghaliex wara iz-zmien ta' prova beda jsir anqas efficienti, jiddedika anqas hin ghat-tmexxija tal-fabbrika, juza rizorsi tal-Kumpanija ghal htigijiet personali u jagixxi qisu l-Kumpanija kienet tieghu. Kien traskurat fil-gbir tal-flus u ma hax hsieb l-interessi tal-Kumpanija kif kien dovut li jaghmel.

Fis-Sottomissjonijiet Finali l-Kumpanija qalet li n-nuqqasijet ta' l-appellant, ghalkemm mhux kollha ta' l-istess gravita, kienu raguni valida biex titlef il-fiducja fih. Hi cahdet ghal kollox li l-appellant tkecca ghax semma "*undeclared sales*". Hadd mill-azzjonisti ma kellu problemi mal-Managing Director u kienu jafdawh biex imexxi l-Kumpanija ghan-nom taghhom.

It-Tribunal ezamina it-trattazzjoni tal-partijiet kif ukoll ix-xhieda u d-dokumenti u rrizultalu li :

- l-Kumpanija ma marritx il-quddiem bis-sahha ta' xogholu kif allega l-appellant ; fil-fatt skond ix-xhieda tas-Segretarju tal-Kumpanija ta' dak iz-zmien il-bejh kien naqas u fl-ittra tac-Chairman datata 19 ta' Ottubru 1999 hu kien ilmenta dwar "-------*the declining performance of the company*" kif ukoll li "*With regard to increasing sales, I understand that those customers which you have introduced so far have not paid us and in one case we are in court proceedings.*"
- ma ngiebet ebda prova li kien hemm tilwim ezagerat bejn id-direzzjoni u l-impjegati u anqas li dan wassal ghat-tkeccija tal-Works Manager ta' qabel l-appellant ; fil-fatt l-impieg ta'dan kien gie terminat ghal ragunijiet ta' sahha b'arrangament bonarju bejnu u l-Kumpanija ;
- dwar il-Business Plan ic-Chairman xehed li kien ilu jitlob dan lill-appellant sa minn meta gie mpjegat u meta fl-ahhar sar ma kien xejn hlief stqarrija tas-sitwazzjoni li d-diretturi kienu jafuha sew u proposta ta' galvanising plant li l-Managing Director kien kontra taghha u li d-diretturi ma riedux jidhlu ghaliha minhabba kompettizzjoni f'dan is-settur. Id-Diretturi deherilhom li l-pjan ma kienx jghin biex itejjeb il-Kumpanija u kien principalment lista ta' fatti maghrufa tal-passat ;
- dwar l-allegazzjoni li c-Chairman kien qal lill-appellant biex jibqa jahdem fuq progett minn wara dahar il-Managing Director, ic-Chairman fix-xhieda tieghu nnega dan u zied li hu dejjem kien jghid lill-appellant li kellu jobdi l-istruzzjonijiet tal-Managing Director u jimxi fuq id-direzzjoni li jtih ;
- dwar ir-relazzjoni bejn l-appellant u l-Managing Director, ic-Chairman xehed li l-appellant ma kienx jati prijorita lil dak li jordnalu jaghmel il-Managing Director izda jaghmel dak li jidhirlu hu u mhux dak li jkun indikalu s-superjur tieghu ;
- kemm il-Principal ta' fejn kien mar jahdem l-appellant wara li tkecca kif ukoll il-Managing Director tal-Kumpanija cahdu li kienet saret xi theddida biex hu ma jkomplix fl-impieg il-gdid ;
- fil-kuntratt ta' l-impieg l-appellant kien ntrabat li, jekk jispicca minn mal-Kumpanija, ma jahdimx ghal numru ta' snin ma haddiehor li kien kompetitur tal-Kumpanija kif fil-fatt kien il-Principal il-gdid. Ghalkemm ma giex ezebit il-kuntratt dan qalitu l-Kumpanija u ma giex michud mill-appellant.

Dwar l-allegazzjoni ta' l-appellant li l-Managing Director kellu interess personali biex ikeccieh ghaliex kien qajjem il-kwistjoni ta l-*undeclared sales* it-Tribunal innota li din ma kienitx wahda mir-ragunijiet li ta l-appellant fl-Istqarrija tal-Kaz izda tqajmet waqt it-trattazjoni u saret hafna enfasi fuqha fis-sottomissjonijiet finali biex timplika li tkecca ghalhekk. Ic-Chairman xehed li meta talab kjarifika lill-appellant dan tah biss spjegazzjoni parzjali u dak li kien is-Segretarju tal-Kumpanija xehed li kien kellmu l-appellant fuqhom izda sa fejn jaf hu ma sar xejn dwarhom. Ma ngiebet ebda prova sodisfacenti dwar din l-allegazzjoni. Skond ic-Chairman l-azzjonisti kienu sodisfatti dwar il-mod li biha kien imexxi l-Kumpanija l-Managing Director. Fil-fatt it-terminazzjoni saret b'decizjoni tal-Bord u ma kien hemm ebda direttur li ma qabilx.

Dwar dak li ssottomettiet il-Kumpanija jirrizulta li l-appellant kien juza rizorsi tal-Kumpanija ghal htigijiet personali, kien naqas li jaghmel insurance fuq ordni ta' madwar Lm 110,000 li seta' kkaguna telf kbir lill-Kumpanija, ma kienx jitlob refund ta' flus taht Euro One li kien ilahhaq ammont sostanzjali, kien hemm diskrepanzi fil-kontijiet li ma gewx spjegati b'mod sodisfacenti, kien jaghmel invoice meta kien isir self ta' hadid lil kumpanija ohra li allura kienu jidhru bhala sales u jattiraw il-VAT u halla xoghol lura ma dipartiment tal-Gvern li kien se jiehu passi legali kontra l-Kumpanija.

Jirrezulta li l-appellant ma kienx dispost li joqghod ghall-istruzzjonijiet tal-Managing Director ghalkemm imwissi kemm il-darba biex jaghmel hekk mic-Chairman. Din kienet wahda mir-ragunijiet principali ghaliex ic-Chairman u d-Diretturi tilfu l-fiducja fl-appellant u wasslithom biex jiterminawlu l-impieg.

Kontra dak li qal l-appellant hu kien inata twissija mic-Chairman fl-ittra tas-19 ta' Ottubru 1999 fejn qallu "*You have to appreciate that unless things really start improving we will have no other option than to ask you to vacate your post*". Barra minn hekk skond il-minuti tal-Laqgha tad-Diretturi ta' l-24 ta' Novembru 1999 (dok NC 1) kien rega gie mwissi mill-Bord dwar l-agir tieghu. Ghal persuna li kien jokkupa l-post li kellu l-appellant dawn kienu twissijiet serji li bihom kellu jirrejalizza li kien qed jipperikola l-impieg.

It-Tribunal wara li ezamina x-xhieda u d-dokumenti u kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja